MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2001

Citazzjoni Numru. 2570/1999/1

**DORMAX PRESS COMPANY LIMITED**

**vs**

**Frank DIMECH f'ismu proprju u ghan-nom ta' GREEN APPLE ADVERTISING AGENCY Co. LIMITED.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-23 ta' Novembru, 1999, li bih is-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici pprovdiet diversi servizzi, xoghol u merkanzija lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha;

Illi l-ammont dovut mis-socjeta' attrici ghal dan ix-xoghol huwa ta' ghaxart elef, sitt mija u tlieta u erbghin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm10,643);

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas dan l-ammont izda din xorta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u tlieta u erbghin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm10,643), liema somma tirraprezenta bilanc dovut izda mhux imhallas;

2. Tordna lill-istess socjeta' konvenuta thallas l-istess somma ta' ghaxart elef, sitt mija u tlieta u erbghin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm10,643) lis-socjeta' attrici;

B'riserva ta' kull azzjoni ohra u bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti legali taghha jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tas-Socjeta' attrici;

Rat in-Nota tas-16 ta' Mejju, 2000, li biha l-konvenut Frank Dimech f'ismu proprju ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront ta' l-esponent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante l-

esponent qatt ma kkontratta personalment ma jew b’xi mod iehor assuma xi obbligi fil-konfront tas-socjeta’ attrici, izda kull transazzjoni li kien hemm kienet bejn is-socjeta’ konvenuta Green Apple Advertising Agency Company Limited u s-socjeta’ attrici;

2. Illi l-esponent kien direttur tas-socjeta’ Green Apple Advertising Agency Company Limited, liema socjeta’ giet xolta fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Novembru 1999, u dan skond ma jirrizulta mill-annessa Form B (1) registrata mar-Registratur tal-Kumpaniji (Dok “A”), u gie appuntat Michael Sciortino bhala stralcjarju, u ghaldaqstant, l-esponent m’ghandux ir-rappresentanza guridika ta’ l-istess socjeta’ Green Apple Advertising Agency Company Limited;

3. Illi in vista tal-premess, l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, in kwantu t-talbiet attrici hekk kif diretti kontra l-esponent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenut, u d-dokument maghha mehmuz;

Rat li s-Socjeta’ konvenuta, ghalkemm tidher li giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni skond l-artikolu 187 (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, naqset li tressaq eccezzjonijiet u li tkun rappresentata meta l-kawa nghajtet u nstemghet, u ghalhekk waqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tal-15 ta’ Novembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghal decizjoni dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio*;

***Ikkunsidrat:***

Illi fl-ewwel lok, il-konvenut Dimech qieghed jallega li, personalment, huwa qatt ma kellu x'jaqsam mas-Socjeta' attrici fin-negozji li saru. Lanqas qatt ma assuma xi rabtiet maghha f'isem il-kumpanija konvenuta, li taghha hu kien biss wiehed mid-diretturi. Dan kollu tennih u fissru waqt l- ghoti tax-xhieda tieghu quddiem il-Qorti. L-atti tal-process, ukoll mil-lenti ta' kif inhija mfassla l-kawa min-naha tas-Socjeta' attrici, jaghtu hjiel li l-kreditu pretiz mis-Socjeta' attrici huwa wiehed imnissel kontra l-kumpanija mharrka u mhux kontra l-konvenut;

Illi, minkejja li s-Socjeta' attrici kellha zmien u opportunita' xierqa biex ixxejjen dak li jallega l-konvenut, dan m'ghamlitux, u fid-Dikjarazzjoni mahlufa taghha, Clifford Micallef jsemmi biss lill-kumpanija mharrka bhala d-debitrici tas-Socjeta' attrici. Anzi, jtenni li dak li halef jaf bih personalment. Il-konvenut ma jissemma qatt;

Rat l-artikoli 999(1) u 1001 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Minn dan jidher car li bil-ligi u skond ma jirrisulta mill-atti, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra ghajr li tqis li l-konvenut personalment m'ghandu x'jaqsam xejn mal-pretensjonijiet attrici u li ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tidher fondata u misthoqqa;

***Ikkunsidrat:***

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jsostni li lanqas ghandu izjed ir-rappresentanza tas-Socjeta' mharrka, u dan ghaliex l-istess kumpanija giet xolta;

Dan il-fatt jirrisulta mid-Dokument ufficjali li hemm mehmuz mad-Dikjarzzjoni mahlufa tal-istess konvenut. Minnu jirrisulta li, proprju dak inhar li nbdiet il-kawza, il-kumpanija mharrka giet xolta bis-sahha ta' risoluzzjoni straordinarja skond l-artikolu 265 (1) tal-Att XXV tal-1995. Bis-sahha ta' dik ir-risoluzzjoni wkoll u skond ma tipprovdi l-ligi, gie mahtur

stralcjarju biex jirrappresenta l-istess Socjeta';

Illi l-imsemmi dokument jista' jitqies prova ammissibbli ta' dak li tghid taht l-artikolu 629 (a) tal-Kap 12, u, ghalkemm il-kopja esebita mhix mahruga mill-awtorita' pubblika li lilha giet ippresentata, l-istess dokument huwa awtentikat debitament skond l-artikolu 636 tal-istess Kodici;

Illi, kif sar fir-rigward tal-provi tal-konvenut, l-istess gara fir-rigward ta' dan id-dokument, u s-Socjeta' attrici ma ressqet l-ebda kontestazzjoni jew prova kuntrarja;

Illi skond l-artikolu 295 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji, is-setghat kollha tal-ufficjali tal-kumpanija. inkluz dawk tad-diretturi, jieqfu mal-hatra tal-istralcjarju. Dan igib mieghu, ghalhekk, l-effett li l-kumpanija tigi mmexxija mill-istess stralcjarju u li l-istess ikollu r-rappresentanza wahdanija tal-kumpanija;

Illi, ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu applikat ghall-kaz, Frank Dimech ma kienx ghad fadallu jedd li jidher ghall-kumpanija konvenuta hekk kif din tat l-avviz ta' stralc u hekk kif inhatar l-istralcjarju taghha;

Illi, kif inghad diga', ma jidhirx li xi haga f'dawn l-atti taghti 'l wiehed x'jifhem li tesisti xi cirkostanza li fiha l-konvenut xorta wahda jwiegeb personalment ghal ghamil tal-kumpanija. Filwaqt li m'hemmx dubju li l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici tnissel f'data meta l-kumpanija mharrka kienet ghadha mhix fil-process ta' stralc;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Dimech billi tqis li huma msejsin kif imiss fil-ligi u fil-fatt u qeghda tilqaghhom, u b'hekk **tichad it-talbiet tas-Socjeta' attrici** kwantu dawn huma diretti kontrih personalment, u tehilsu milli joqghod izjed fil-kawza, bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici;

Thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi tas-Socjeta' attrici kontra l-kumpanija mharrka, u biex tirregola ruhha dwar l-istess kumpanija ghall-udjenza tas-27 ta' Frar, 2001, tissejjah fl-10.00 a.m.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------